**17 ta' Ottubru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Antonio Pace

*versus*

Ministru tad-Djar u Artijiet *et*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Proprjetà – Protezzjoni ta' Trattament Inuman jew Degradanti – Rekwiżiti ta' Intimità tad-Dar – Protezzjoni tal- – Raġonevolment Ġustifikabbili f'Soċjetà Demokratika – Rekwisizzjoni – Ordni ta' – Segretarju tad-Djar**

*Ir-rikorrent kellu proprjetà li ġiet meħuda mill-pussess tiegħu mis-Segretarju tad-Djar in forza ta' Ordni ta' Rekwisizzjoni. Ir-rikorrent allega li dan l-ordnii kien inġust u infondat għax il-proprjetà in kwistjoni kienet mhux biss l-unika abitazzjoni tiegħu imma anke mezz ta' għajxien. Għalhekk huwa allega li ġew ivvjolati fil-konfront tiegħu l-artikolu 36, 38 u 32 tal-Kostituzzjoni u talab rimedju. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrent; il-Qorti Kostituzzjoni laqgħet l-appell, irrevokat l-ewwel sentenza, iddikjarat it-talba tar-rikorrent legalment sostenibbli u bagħatet lura l-proċess lill-Prim'Awla għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni li jipprojbixxi piena jew trattament inuman jew degradanti m'għandux konnotazzjoni punittiva biss. Il-kliem "piena" u "trattament" għandhom konnotazzjonijiet differenti. Biex ikun hemm trattament inuman*

*jeħtieġ li jkun hemm:*
*1. 'severe suffering',*
*2. 'minimum lelvel of suffering' li jiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ, u*
*3. it-tbatija tkun sew mentali jew fiżika. It-tkeċċija ta' familja mill-unika dar tagħha, liema dar di più tikkostitwixxi font ta' għajxien għaliha, bil-fors jammont għal trattament inuman.*

*Dwar protezzjoni ta' l-intimità tad-dar tar-rikorrent ġie sottomess mill-intimat li rekwisizzjoni maħruġa in forza ta' l-Att II ta' l-1949 ma setgħetx tikser il-Kostituzzjoni għax kienet taqa' taħt waħda mill-eċċezzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 38, u ċjoè li ġiet magħmula fl-interess pubbliku in forza tal-liġi. Il-Qorti però osservat li biex ma jkunx hemm ksur tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li l-ordni mhux biss ikun sar fl-interess pubbliku in forza tal-liġi, imma anke li tali aġir ikun ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika. L-aġir in kwistjoni, jekk l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors jiġu ppruvati, ma kienx wieħed ġustifikabbli f'soċjetà demokratika.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-imsemmi Antonio Pace – wara li ppremetta li ilu jabita fil-post numru 32 St. Venera Road, Santa Venera, aktar minn tletin sena; li f'dan il-post abitaw miegħu martu Salvina u ibnu paralitiku John ta' 24 sena; li din id-dar isservi wkoll bħala razzett għat-trobbija ta' l-annimali, li huma l-għajxien tiegħu; li għal dan l-iskop għandu permess mill-*Milk Marketing Department*; li din id-dar hija l-unika abitazzjoni tiegħu u tal-familja tiegħu; li huwa qatt ma raqad jew għex barra minn din id-dar u huwa rreġistrat għall-vot u għar-razzjoni fl-indirizz relattiv; li fis-7 ta' Novembru 1974, l-intimat Segretarju tad-Djar ħareġ *Requisition Order* No. 19660 biex huwa jiżgombra mill-post fi żmien tletin ġurnata; li huwa pprova jikkonvinċi lill-awtoritajiet li dak l-ordni

kien inġust u infondat, imma d-Dipartiment kompla jinsisti għall-iżgombrament u, fil-fatt, ġie infurmat li dak inhar stess kienet qiegħda ssir l-*Eviction;* li dan jikkawżalu *"hardship"* kbir billi ser jiġi pprivat mid-dar tiegħu flimkien mal-familja u l-proprjetà tiegħu u ser jiġi anke mfixkel serjament fil-qligħ ta' l-għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu; li dan l-aġir jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu, partikolarment dawk protetti mill-artikoli 37, 39 u 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta – talab li dik il-Qorti tagħtih ir-rimedji xierqa u neċessarji *ai termini* ta' l-art. 47(a) tal-Kostituzzjoni, fosthom id-dikjarazzjoni li l-imsemmija *Requisition Order* u *Eviction Order* huma anti-kostituzzjonali u, għalhekk, nulli għaliex jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-individwu, kif ukoll id-dikjarazzjoni li l-fond predett ma hu bl-ebda mod suġġett għall-effetti tar-*Requisition Order* Numru 19660;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ottubru 1975 li biha ddeċidiet billi rrespinġiet id-domandi tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu u dana wara li kkunsidrat li:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Antonio Pace ppreżentat fil-31 ta' Ottubru 1975 li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti, prevju jekk hemm bżonn il-produzzjoni tal-provi kollha ammissibbli skond il-liġi, tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-appell ta' l-intimat, tirrevoka s-sentenza appellata tat-22 ta' Ottubru 1975 u tilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippreżentata fit-3 ta' Novembru 1975;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Kif taraha l-Qorti, il-*punto di partenza* ta' l-indaġini tagħha għandu jkun il-verbal irreġistrat fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 1975 quddiem l-ewwel Qorti fejn ingħad *inter alia* li għandu jiġi deċiż qabel xejn jekk it-talba tar-rikorrent hijiex legalment sostenibbli oppure li anke kieku stess il-fatti kienu kif allegati mir-rikorrenti fir-rikors tiegħu;

Issa minn eżami ta' dan ir-rikors jemerġu dawn il-fatti:

1) Ir-rikorrent appellat kien ilu jabita fil-fond *de quo*, i.e. il-fond numru 32, St. Venera Road, Santa Venera (il-fond li kien ġie rekwisizzjonat) għal aktar minn tletin sena u miegħu kienu jabitaw martu Salvina u ibnu paralitiku John ta' 24 sena;

(2) Il-fond kien iservi wkoll bħala razzett għat-trobbija ta' l-annimali li huma l-għajxien tiegħu u għal dan l-iskop għandu permezz mill-*Milk Marketing Department;*

(3) Dan il-fond kien l-uniku fond ta' abitazzjoni tiegħu u tal-familja tiegħu u hu qatt ma raqad jew għex barra minnu u huwa rreġistrat għall-vot u għar-razzjoni fl-imsemmi indirizz;

L-ewwel Qorti, skond it-termini ta' l-imsemmi verbal, kellha tiddeċidi qabel xejn (u fil-fatt iddeċidiet) jekk it-talba tar-rikorrent appellant kinitx legalment sostenibbli a bażi ta' l-imsemmija fatti

u din il-Qorti, li hija Qorti ta' reviżjoni, għandha tiddeċidi l-preżenti appell a bażi ta' dawk l-istess fatti skond ma kienu qablu l-kontendenti. L-indaġini tagħha huwa limitat b'dak li kienu ftehmu u qablu bejniethom;

Ikkunsidrat:

Minn eżami ta' l-istess rikors jirriżulta wkoll li r-rikorrent appellant qiegħed isostni li a bażi ta' l-imsemmija fatti kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu protetti artikolu 37 (illum 36) u mill-artikolu 39 (illum 38) tal-Kostituzzjoni;

L-artikolu 36(1) jiddisponi illi "ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti" (*test* Ingliż "*No person shall be subjected to inhuman or degrading punishment or treatment*");

L-artikolu korrispettiv tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali huwa l-artikolu 3 li jiddisponi: "*No one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment*". Huwa evidenti li, ħlief għar-riferenza tagħna, l-interpretazzjoni mogħtija lill-imsemmi artikolu 3 tista', u anzi għandha, isservi ta' gwida fl-interpretazzjoni ta' l-art. 36(1) tal-Kostituzzjoni;

L-ewwel Qorti donnha rriteniet li a bażi ta' l-imsemmija fatti r-rikorrent appellant kien qiegħed isofri *hardship*, liema *hardship* kienet dejjem il-konsegwenza tal-ħruġ ta' *requisition order* taħt l-Att II ta' l-1949 (li n-nullità tiegħu lanqas kienet qiegħda tiġi pretiża mir-rikorrent appellant) mentri l-artikolu 37 (illum l-artikolu 36) tal-Kostituzzjoni kellha konnotazzjoni punitiva u kwindi ma kienx applikabbli għall-fattispeċie tal-każ

preżenti;

Il-Qorti però ma tistax taqbel f'dan ir-rigward ma' l-ewwel Qorti. Kif jidher mir-rikors promotorju tal-ġudizzju tar-rikorrent appellant, ir-*requisition order* in kwistjoni kienet qiegħda tikkaġunalu *hardship* kbir li kien jammonta għall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu protett *inter alia* bl-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni. Dak li għandha teżamina l-Qorti għalhekk huwa jekk a bażi ta' dawk il-fatti allegati fir-rikors, ir-rikorrent ġiex assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti bi vjolazzjoni tal-protezzjoni mogħtija lilu mill-imsemmi artikolu 36(1);

F'dan ir-rigward il-Qorti tħoss li għandha tgħid mill-ewwel li ma taqbilx ma' dak li donnha rriteniet l-ewwel Qorti li l-artikolu 36(1) għandu konnotazzjoni punitiva biss. Dan l-artikolu jirriferixxi mhux biss għal piena inumana jew degradanti iżda anke wkoll għal trattament inuman jew degradanti. Il-Qorti hi tal-fehma li l-kelma "piena" u l-kelma "trattament" għandhom konnotazzjonijiet differenti. Jista' jkun hemm trattament inuman bħala konsegwenza ta' l-applikazzjoni ta' piena iżda jista' jkun hemm trattament inuman anke jekk ma tiġix applikata xi piena. Kif josserva l-awtur Fawcett, *The Application of the European Convention on Human Rights*, ediz. 1987, paġna 42: "*Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence*". Jidher minn eżami tar-rikors ta' l-appell li r-rikorrent appellant qiegħed isostni li f'dan il-każ, a bażi tal-fatti allegati fir-rikors promotorju tal-ġudizzju (liema fatti biss skond il-verbal fuq imsemmi l-Qorti tista' żżomm quddiem għajnejha) kien hemm trattament inuman u degradanti u mhux li kien hemm

xi piena inumana jew degradanti;

Ikkunsidrat:

Skond Paul Sieghart, *The International Law of Human Rights*, ediz. 1983, paġna 167: "*In Denmark et al. v. Greece, E.U.C.M. (European Commission of Human Rights) stated that the notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes sever suffering, mental or physical, which in the particular situation is unjustifiable. However in its report in Ireland vs United Kingdom, the Commission noted that its use of the term 'unjustifiable' had given rise to some misunderstanding, and explained that it did not have in mind the possibility that there could be a justification for the infliction of inhuman treatment*". L-istess awtur ikompli jgħid li: "*Treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of the term 'inhuman'. The assessment of the minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (Ireland vs United Kingdom (53-10-71) Judgement: 2EHRR 25)*";

Jidher minn dak li ngħad hawn fuq relattivament għall-artikolu 3 fuq imsemmi li biex ikun hemm trattament inuman:

(1) Jeħtieġ li jkun hemm "*severe suffering*" u li jkun hemm a *minimum level of severity;*

(2) Il-valutazzjoni ta' dan il-"*minimum level of suffering*" jiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ u

(3) Is-*"suffering"* jista' jkun *"mental or physical"*;

Il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni magħmula ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni analoga għall-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni tagħna;

Issa applikati dawn il-prinċipji għall-fatti riżultanti mir-rikors il-Qorti ma tistax ħlief li tikkonkludi li kien hemm trattament inuman a bażi tagħhom. Familja li tiġi mkeċċija mill-unika dar ta' abitazzjoni tagħha, liema dar *di più* tikkostitwixxi font ta' għajxien għaliha bilfors issofri *"severe suffering"*, *"mental"* kif ukoll *"physical"* ta' ċerta gravità. Huwa ovvju li s-sofferent – membru tal-familja, skond ma jingħad fir-rikors, hija persuna paralitika, li meta sar ir-rikors, kellha 24 sena;

Ma jidhirx li l-kunċett ta' trattament degradanti huwa applikabbli għall-każ preżenti. Skond Sieghart *op. cit.* paġni 169 – 170, il-Kummissjoni Ewropeja fil-każ Patel *et al. vs United Kingdom* stabbiliet il-prinċipju li *"the general purpose of the prohibition of degrading treatment was to prevent interferences with the dignity of man of a particular serious nature. Accordingly an act which lowers a person in rank, position, reputation or character can be regarded as 'degrading treatment' if it reaches a certain 'level of severity'*. Għalkemm a bażi tal-fatti elenkati fir-rikors promotorju hemm, kif ġà ngħad, trattament inuman, ma jidhirx li kien hemm trattament degradanti tar-rikorrent appellant billi bir-*requisition order* ma ġietx affettata d-"dinjità" (*"dignity"*) tiegħu fis-sens li ngħad fuq fir-rigward ta' l-artikolu analogu tal-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

L-artikolu l-ieħor tal-Kostituzzjoni invokat mir-rikorrent appellant – l-artikolu 38 – jiddisponi fis-subartikolu (1) li "Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew b'dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjetà tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu". Dina l-protezzjoni għall-intimità tad-dar jew proprjetà oħra (kliem dawn użati fil-*"marginal note"* ta' l-istess artikolu) tidher li hija soġġetta għal diversi limitazzjonijiet ikkontemplati fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu li kważi jannullawh. Kif josserva l-Fawcett *op. cit.* paġna 226 fir-rigward ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, analogu għall-artikolu 38, iżda konċepit bi kliem differenti: *"The protection of the home from entry or search by the police or other public authority, which appears to be given in paragraph 1, is largely nullified by the permitted derogations in paragraph 2"*;

In fatti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 38 jiddisponi *inter alia* li: "Ebda ħaġa li hemm fi jew li hija magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment:

(*a*) Li jkun raġonevolment meħtieġ fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubblika, moralità jew deċenza pubblika, saħħa pubblika, pjani regolaturi ta' bliet u rħula, l-iżvilupp u utilizzazzjoni ta' riżorsi minerali, jew l-iżvilupp u utilizzazzjoni ta' xi proprjetà b'dak il-mod biex jinġieb 'il quddiem il-benefiċċju pubbliku;....";

*Jista' forsi* jiġi argumentat li r-*requistion order* in kwistjoni, li in forza tagħha sar id-dħul fil-fond tar-rikorrent appellant, inħareġt taħt l-awtorità ta' l-Att ta' l-1949 dwar id-Djar (Att II

ta' l-1949), li tagħti s-setgħa tar-rekwisizzjoni fl-interess pubbliku (art. 4) u kwindi l-imsemmi dħul ma sarx bi ksur ta' l-art. 38(1); iżda s-subartikolu (2) wara li jkompli jelenka l-limitazzjonijiet l-oħra fis-subinċiżi (b) (ċ) u (d), ikompli jgħid b'mod ġenerali: "u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skond il-każ, il-ħaġa magħmula skond l-awtorità tiegħu, hija murija li ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika";

Dawn l-aħħar kliem, fil-fehma tal-Qorti, għandu jiftiehem fis-sens li jekk jiġi muri li l-provvediment jew, skond il-każ, il-ħaġa magħmula skond l-awtorità tiegħu, ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika, allura jkun inkonsistenti ma', jew bi ksur, ta' l-artikolu 38. Ma jidhirx li dan l-aspett legali tal-kwistjoni ġie investit fil-kawża Ferro *vs Housing Secretary* ċitat mill-ewwel Qorti;

Issa fil-każ preżenti r-rikorrent appellant, kif jidher mir-rikors promotorju, mhux qed jattakka l-validità ta' l-Att II ta' l-1949 li taħtu nħarġet ir-rekwisizzjoni segwita mid-dħul fil-fond tiegħu, iżda qed isostni a bażi tal-fatti allegati fir-rikors promotorju li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali kkontemplat fl-imsemmi artikolu 38;

Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni. Il-ħaġa magħmula skond l-awtorità ta' l-Att II ta' l-1949, ċjoè d-dħul fil-fond tar-rikorrent appellant ma kinitx "ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika". Il-fatti elenkati fir-rikors, li a bażi tagħhom il-Qorti, skond il-verbal fuq imsemmi, għandha tiddeċidi l-kwistjoni jekk l-azzjoni tar-rikorrent kinitx legalment sostenibbli, juru li bid-dħul fil-fond tar-rikorrent, dan flimkien ma' martu u ibnu paralitiku ta' 24 sena, kienu ġew imċaħħda mill-fond ta' abitazzjoni tagħhom li kien l-uniku wieħed u li kien

iservi wkoll bħala fonti ta' għajxien għall-familja. Ma jirriżultax mir-rikors promotorju li r-rikorrent appellant ġie offert xi fond alternattiv. Il-Qorti ma tarax li jista' jingħad f'soċjetà demokratika li kien ġustifikabbli li jsir hekk;

Ikkunsidrat:

Jidher għalhekk fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, li t-talba tar-rikorrent hija legalment sostenibbli a bażi tal-fatti allegati fir-rikors tiegħu;

Il-Qorti tixtieq tenfasizza li hi tal-fehma li la darba l-partijiet stess illimitaw id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti skond il-verbal fuq imsemmi, hija stess bħala Qorti ta' reviżjoni hija prekluża milli tmur oltre. Il-Qorti hija konxja mill-fatt li f'din it-tieni istanza (għad-differenza mill-ewwel istanza fejn ma nstemgħu l-ebda provi) instemgħu minnha (allura diversament komposta) diversi xhieda u anke nħarġet "*derequistion order*" fil-kors tas-smigħ ta' l-appell, iżda ma tarax li tista' tieħu konjizzjoni tagħhom in vista tal-mod kif ġiet ċirkoskritta l-ewwel sentenza. Kieku l-Qorti kellha tidħol f'dawn il-provi tkun qiegħda wkoll tippriva lill-parti sokkombenti mill-benefiċċju tad-*doppio esame*. Fiċ-ċirkostanzi u wara li rriflettiet fit-tul, il-Qorti ma tarax li tista' tagħmel ħaġ'oħra ħlief li tagħti wkoll l-ordni infraskritt;

Fl-aħħarnett il-Qorti trid ukoll tenfasizza li hija b'din id-deċiżjoni bl-ebda mod ma qiegħda tiddeċidi jekk fil-fatt kienx hemm jew le vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali msemmija fir-rikors promotorju. Jekk u meta l-kawża terġa' tiġi quddiemha fuq il-mertu, hija tiddeċidi dik il-kwistjoni fid-dawl tal-provi li allura jkun hemm fil-proċess;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess appell fis-sens biss li tiddikjara li t-talba tar-rikorrent appellant fir-rikors promotorju hija legalment sostenibbli anke kieku stess il-fatti kienu kif allegati mir-rikorrent fl-imsemmi rikors tiegħu u kwindi tirrevoka s-sentenza appellata, billi tordna li l-atti tal-proċess jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż, sija ta' l-ewwel istanzi kif ukoll ta' din l-istanza għandhom jiġu sopportati kwantu għal kwart mir-rikorrent u kwantu għal tliet kwarti mill-intimati appellati.